

## Fl-okkażjoni tal-125 sena mill-wasla tal-istatwa tal-Madonna taċ-Ċintura fil-Gudja minn Marsilja fi Franza

# Storja, devozzjoni u Kultura

Fil-Knisja Kattolika nsibu tant qawwija d-devozzjoni lejn il-Madonna, devozzjoni mifruxa fuq diversi titli. Nistgħu ngħidu li l-patrijiet kienu dawk li xerrdu l-aktar id-devozzjoni mifruxa fuq titli differenti; il-Franġiskani xerrdu d-devozzjoni lejn l-Immakulata Kunċizzjoni, id-Dumnikani lejn il-Madonna tar-Rużarju, il-Karmelitani lejn il-Madonna tal-Karmnu u dik li qegħdin niċċelebraw illum il-Madonna tal-Konsolazzjoni, magħrufa popolarment bħala l-Madonna taċ-Ċintura, xerduwa l-Patrijiet Agostinjani. Id-devozzjoni lejn dawn it-titli hija espressa fi knejjes u kappelli, altari, fratellanzi, ismijiet ta' persuni, postijiet, skejjel, toroq u għaqdiet soċjali, kulturali u mużikali.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna taċ-Ċintura fir-raħal antik tal-Gudja ma hija nieqsa minn xejn, imma żgur li waħda mill-aqwa espressjonijiet ta' devozzjoni lejn il-Madonna b'dan it-titlu hija l-istatwa tal-Madonna taċ-Ċintura, li din is-sena qegħdin niċċelebraw l-125 sena mill-wasla tagħha fostna l-Gudjani.

Fil-Gudja bħalma kien jiġri f'diversi bliet u rħula oħra kienu jużaw statwa waħda għal aktar minn festa waħda tal-Madonna, jibdlulha biss is-simbolu li jkollha f'idejha. Bejn il-Fratellanzi mhux l-ewwel darba li kien jinqala xi nkwiet fuq diversi affarijiet u għalhekk wara diversi snin ta' ħsieb u preparamenti, u wara li saret talba formali, fl-1890 ġiet ordnata statwa tal-Madonna taċ-Ċintura minn Marsilja fi Franza mingħand id-ditta *Galard*.

Dan sar fi żmien il-Kappillan Dun Lawrenz Debono, filwaqt li l-Prokoratur tal-Fratellanza taċ-Ċintura kien is-Sur Giovanni Mangion magħruf bħala "In-Niggiżi". Dan il-Prokoratur li kien kuntrattur kien qabbad lis-segretarju tiegħu s-Sur Carmelo Dalli "Ta' Qambas" sabiex jikteb f'isem il-Fratellanza taċ-Ċintura it-talba formali sabiex issir l-istatwa. Tajjeb li ngħidu li s-Sur Carmelo Dalli kien jaf jikteb tajjeb peress li kien ser issir saċerdot.

Jidher li f'dak iż-żmien f'Malta kien hawn aġenti li jieħdu ħsieb l-ordnijiet għal statwi minn Marsilja. Naturalment is-sbuħija ta' dawn l-istatwi bdiet tħeġġeġ aktar bliet u rħula jordnaw statwi minn dan il-pajjiż. Nistgħu ngħidu bla tlaqlieq li minn nofs is-seklu dsatax, speċjalment f'Għawdex beda interess qawwi li jinġiebu statwi minn għand *Galard* f'Marsilja fi Franza. Insemmu fost l-oħrajn Santa Marija taż-Żebbuġ (1863), il-Madonna ta' Loreto ta' Għajnsielem (1866), Santa Margerita tas-Sannat (1891) u San Lawrenz fir-raħal ta' San Lawrenz (1895). Fil-fatt propju fl-1890, meta saret l-ordni għall-istatwa tal-Modonna taċ-Ċintura għall-Gudja, fir-Rabat ta' Malta waslet minn Marsilja wkoll l-istatwa ta' San Ġużepp, li żgur li bis-sbuħija tagħha kompliet ħeġġet liċ-Ċinturanti Gudjani jkomplu jaħdmu fuq din l-opra. Din it-tradizzjoni li jinġiebu statwi minn Marsilja tkompliet anke fis-seklu għoxrin, fil-fatt insibu li fl-1922 waslet f'Malta l-istatwa sabiħa ta' Santa Marija tal-Mġarr.

L-istatwa tal-Madonna taċ-Ċintura tal-Gudja li ġiet ordnata fl-1890 waslet eżatt għall-festa tagħha sentejn wara, propju fl-1892. Mall-wasla tagħha saru festi kbar fejn intwera ferħ u sodisfazzjon kbir b'din l-istatwa li tippreżenta lil Madonna jżomm f'idejha x-xellugija lil binha Ġesù, filwaqt li fl-id il-leminija qiegħha żżomm iċ-Ċintura li tippreżenta t-titlu tal-Madonna taċ-Ċintura.

Is-simbolu taċ-Ċintura ġej minn meta l-Madonna liebsa libsa twila sempliċi u b'Ċintura tal-ġild ma' qaddHa dehret lil Santa Monika biex tikkonslaha mill-mewt ta' żewġha. F'din id-dehra l-Madonna neħħiet iċ-ċintura minn ma' qaddHa u tatha lil Santa Monika biex tilbisha hi ukoll, filwaqt li talbietha sabiex tħeġġeġ lil kulħadd jilbes din iċ-ċintura.

Il-Madonna wegħditha li kull min jilbisha jkollu l-barka tagħHa. Wieħed minn tal-ewwel li tħażżem b'din iċ-Ċintura Mqaddsa kien appuntu bin Santa Monika, Santu Wistin. Santu Wistin ried ifittex il-verità fuq Alla, għalhekk għamel studju kbir, tant li sar Isqof u għandna nqisuh bħala wieħed mid-dutturi kbar tal-Knisja Kattolika. Huwa kien waqqaf ukoll l-Ordni Agostinjana li għadhom sal-lum jgħozzu u jitħażżmu biċ-Ċintura.

L-istatwa tal-Madonna taċ-Ċintura tal-Gudja, li propjament din is-sena tagħlaq 125 sena mill-wasla tagħha fil-Gudja hija ferm għall qalb il-Gudjani u d-devoti kollha tal-Madonna. Fiha naraw Omm ħelwa li dejjem tikkonslana f'kull għawġ tal-ħajja u żżomna taħt il-mantar tagħha, filwaqt li tara li qatt ma nitbgħedu minn binha Ġesu. Il-Fratellanza dejjem rat li żżomm din l-istatwa fl-aqwa kundizzjoni, qabel it-tieni Gwerra Dinija nbidilha l-kulur tal-mantar tagħha u fl-1992 ġiet imnaddfa, inżebgħet u ġiet indurata mill-ġdid mill-induratur magħruf Horace Farrugia tal-Mdina. B'hekk tajjeb li għaż-żmien li ġej nibqgħu naqdu d-dmir tagħna li ngħożżu din l-istatwa li tixhed l-imħabba lejn il-Madonna, statwa li fiha naraw monument ta' storja, devozzjoni u kultura.